QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT

DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 16 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru 990/97DM

S. F. S. Limited

vs

Carmen Whiteford

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' mitejn u tlettax-il lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm213.65,0) in rifuzjoni tal-istess somma lil-konvenuta imhallsa ndebitament

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-konsult (Lm10), tal- ittra interpellatorja datata 18 ta' Lulju 1996, tal-ittra ufficjali ta' 29 April, 1997 u bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Whiteford fejn eccepiet:-

1. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha stante li l-allegazzjonijiet taghha huma infondati fil-fatt u fid -dritt;

2. Illi jekk is-socjeta attrici hallset xi ammonti lill-konvenuta, dawn kienu dovuti bhala hlas ta' appogg u xoghol relatat ezegwit mill-istess ditta attrici fuq il-hajt tad-dar ta' l-istess konvenuta;

3. Illi mhux talli m'ghandha xejn x'ittihom, talli hija ser tipprevalixxi ruhha mill-procedura tar-rikonvenzjoni sabiex a tenur ta' Artikolu 396 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili hija tipprezenta l-kontro-talba taghha;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta Carmen Whiteford fejn talbet li l-kumpanija attrici tkun ikkundannata thallasha dik is-somma rapprezentanti dawk id-danni dikjarati dovuti minnha u likwidati minn din l- Qorti fir-rigward ta' x-xoghol ta' appogg u atti ohra relatati ezegwiti minnha fuq il-hajt divizorju li jifforma parti mid-dar ta' residenza ta' Carmen Whitford.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-atturi rikonvenzjonati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta fejn eccipew:-

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma nulli u irriti stante li ma gietx dikjarat l-kompetenza ta' din l-Qorti f'termini ta'valur finanzjarju

2 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-istess socjeta attrici rikonvenzjonata ma ikkagunat l-ebda danni lil konvenuta u'jew wisq anqas gie soggert minnha xi allegat danni

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta Frar 1999 fejn l-atturi eccipew il-preskrizzjoni ghat-talba rikonvenzjonali .fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2001 fejn specifikaw il-preskrizzjoi ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda t-talba tal-atturi ghar-rifuzzjoni tas-somma ta' Lm213.65 (mitejn u tlettax il-lira Maltin u hamsa u sittin centezmu) illi huma jsostnu illi halsu indebitament, l-atturi allegaw illi kienu ghamlu l-hlas ta' din is-somma in linea ta' kumpens tal-hajt divizorju mal-fond tal-konvenuta illi huma kienu appogaw mieghu. Isostnu illi ghandhom jkunu imhallsa lura dan l-amont peress illi l-atturi jallegaw illi l-konvenuta Carmen Whiteford ma kinitx intitolata illi tithallas ta' dan l-appogg.

Biex jipprova dan li qieghed jallega Santino Gauci iddikjara illi nonostante illi huwa kien appogga mal- bini tal-konvenuta irrizultalu li d-dritt ta' appogg li normalment kellhu jkun dovut lil-konvenuta, kien dovut lil certu Sur Borg illi kitiblu wkoll biex jithallas ta' dan l-appogg u fil-fatt ghamel ukoll pagament lill-istess Sur Borg.

Evidentement dan mhux bizzejjed bhala prova illi l-konvenuta ma kinitx intitolata li tithallas ghal tali appogg u ghalhekk l-atturi ipprezentaw ittra mibghuta mill-istess Carmen Whiteford fit-22 ta' Lulju 1996 (esebita afol 25 tal-process) fejn iddikjarat illi hija ma kinitx taf li  ma kinitx intitolata ghall-appogg.

Ghalkemm din l-ittra tista tiftiehem fis-sens illi l-konvenuta ssuspettat li ma kinitx intitolata, fid-deposizzjoni taghha bil-gurament fis-seduta ta' 30 ta' Marzu 2000 hija ddikjarat illi fil-kuntratt ta' akkwist taghha m'hemm xejn x'jindika illi d-dritt ta' appogg ma kienx dovut lilha.

Ghalhekk biex jippruvaw illi l-pagament kien indebitu kien jispetta lill-atturi illi jgibu prova konklussiva, bhal l-kuntratt ta' akkwist ta' Carmen Whiteford minn fejn setgha jirrizulta illi kwalunkwe drittijiet ta' appogg ma kienux dovuti lilha izda dovut lil xi terzi persuni.

Ghalkemm ipprezentaw kopji informi ta' zewg kuntratti mmarkati dokumenti A u B afolji 29 u 31 tal-process l-atturi naqsu li jindikaw u li jippruvaw illi dawn il-kuntratti effettivament jirreferu ghal propjeta finalment akkwistata minn Carmen Whiteford. Ghandhu jinghat ukoll illi f'dawn il-kuntratti Carmen Whiteford qatt ma kienet parti.

Ghaldaqstant l-atturi ma waslux ghal prova minnhom rikjesta u l-Qorti qieghdha tichad it-talba taghhom ghar-rifuzzjoni tas-somma Lm230. 65 (mitejn u tletin lira Maltin u hamsa u sittin centezmi) indikata fl-avviz.

Ghall dak li jirrigwarda t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni li hija soffriet minhabba x-xogholijiet tal-atturi meta appogaw mal-bini taghha, l-atturi eccipew il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal Kodici Civili.

Hawn hekk ukoll jispetta lill-istess atturi illi jipprovaw l-iskadenza tas-sentejn qabel ma giet intavolata il-kontrotalba fl-4 ta' Novembru 1997.  F'din il-prova hija rikjesta wkoll indikazzjoni tad-data minn meta bdew jiddekorru dawn is-sentejn u ghalhekk jispetta wkoll lil-atturi illi fl-ewwel lok jipprovaw meta lestew ix-xogholijiet fil-bini taghhom illi huwa l-kawza tad-danni li qieghed tallega l-konvenuta.

Mill-provi prodotti mill-atturi ma jirrizultax meta saru dawn ix-xogholijiet u ghalhekk ma jirrizultax il-mument ezatt minn meta avveraw ruhhom id-danni u ghalhekk il-Qorti hija prekluza milli tista tikkalkola l-perjodu ta’ sentejn illi qedin jindikaw l-atturi bhala l-perjodu tal-preskrizzjoni.  Ghaldaqstant qieghdha tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kumpanija attrici.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta biex din il-Qorti tistabilixxi illi x-xoghol esegwit mill-atturi kien ikkawza xi danni fil-propjeta tal-konvenuta, din tesigi prova da parti tal-kovenuta dwar ix-xogholijiet esegwiti mill-atturi fejn dawn ix-xogholijiet ma kienux esegwiti skond l-arti u s-sena u prova illi effettivament kienu dawn ix-xogholijiet esegwiti hazin illi kkawzaw id-danni illi hija tallega li sofriet.  Izda mill-provi prodotti mill-konvenuta jirrizulta biss illi l-konvenuta fis-7 ta’ Novembru 1997 kienet inkarigat lil espert AIC Richard Aquilina sabiex dan jispezzjoni l-post taghha u dana setgha jirriskontra dawk id-danni elenkati fir-rapport tieghu li jinsab esebit afol 40 tal-process.

Izda l-istess perit imkien ma ghamel riferenza ta’ x’setgha kienet il-kawza ta’ dawn id-danni illi huwa irriskontra fil-bini tal-konvenuta.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta’ ebda prova illi d-danni li setghet soffriet l-konvenuta kienu ikkawzati minn xi xoghol hazin tal-atturi il-Qorti qieghdha tichad it-talba rikonvenzjonali maghmula mill-konvenuta u tordna li l-ispejjez tal-kawza   jibqu bla taxxa.

…..............................................

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.
Civil 22